

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għoddha ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► B

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 162/2011**

**tal-21 ta' Frar 2011**

**li jiddetermina ċ-ċentri tal-intervent għar-ross**

(ĠU L 47, 22.2.2011, p. 11)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

Nru	Paġna	Data
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 94/2013	L 33	17
tal-1 ta' Frar 2013		2.2.2013

► M1

**▼B****REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 162/2011****tal-21 ta' Frar 2011****li jiddetermina è-çentri tal-intervent għar-ross**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agríkoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)<sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1173/2009 tal-Kummissjoni<sup>(2)</sup>, jelenka fl-Anness B tiegħu, iè-çentri tal-intervent għar-ross, imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 670/2009 tal-Kummissjoni<sup>(3)</sup>. L-Anness A tal-imsemmi Regolament, li jistabbilixxi è-çentri tal-intervent għall-qamħ durum, tħassar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1125/2010 tat-3 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi è-çentri tal-intervent għaċ-ċereali u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1173/2009<sup>(4)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fdak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agríkoli taħt intervent pubbliku<sup>(5)</sup>, jistipula, mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni [sena tas-suq] 2010/11, il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu osservati għall-għażla u l-approvazzjoni taċ-ċentri tal-intervent għar-ross u tal-postijiet tal-ħżin tagħhom.
- (3) Mill-1 ta' Settembru 2010, ir-Regolament (UE) Nru 1272/2009 jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 670/2009 fdak li jirrigwarda r-ross.
- (4) Mill-1 ta' Settembru 2010, iè-çentri tal-intervent għar-ross magħ-żula b'applikazzjoni tal-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti bl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009. Ir-Regolament (KE) Nru 1173/2009 għandu għalhekk ikun irre-vokat.
- (5) Skont l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2009, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar, il-lista taċ-ċentri tal-intervent għar-ross għan-nominazzjoni effettiva tagħhom kif ukoll il-lista tal-postijiet tal-ħżin ta' dawn iè-çentri li huma jqisu li jiissodisfaw il-kundizzjonijiet minimi mitluba mir-Regolament tal-Unjoni. F'każijiet fejn il-livell tal-produzzjoni tar-ross huwa baxx u meta l-estimi ma jindikawx dawk iż-żoni li fihom jiġi prodott ir-ross f'ammonti żejda u l-intervent ma ntużax għal perjodu sinifikanti, ċerti Stati Membri ma rrappurtaw ebda ċentru tal-intervent għar-ross.

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 314, 1.12.2009, p. 48.

<sup>(3)</sup> ĠU L 194, 25.7.2009, p. 22.

<sup>(4)</sup> ĠU L 318, 4.12.2010, p. 10.

<sup>(5)</sup> ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

**▼B**

- (6) Sabiex ikun assigurat il-funzjonament tajjeb tal-iskema ta' intervent pubbliku, il-Kummissjoni għandha tistabilixxi ċentri tal-intervent skont il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u għandha tippubblika lista tal-postijiet tal-ħżin tagħhom bit-tagħrif kollu neċċessarju għall-operaturi kkonċernati mill-intervent pubbliku.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kunitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Iċ-ċentri tal-intervent għar-ross imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2009 huma elenkti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

L-indirizzi tal-postijiet tal-ħżin relatati ma' kull ċentru tal-intervent u l-informazzjoni ddettaljata dwar dawn il-postijiet u maċ-ċentri tal-intervent, huma ppubbliki fuq l-internet<sup>(1)</sup>.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1173/2009 għandu jiġi rrevokat.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

<sup>(1)</sup> L-indirizzi tal-postijiet tal-ħżin taċ-ċentri tal-intervent huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni Ewropea CIRCA ([http://circa.europa.eu/Public/irc/agri/cereals/library?l=/publicsdomain/cereals/intervention\\_agencies&vm=detailed&sb=Title](http://circa.europa.eu/Public/irc/agri/cereals/library?l=/publicsdomain/cereals/intervention_agencies&vm=detailed&sb=Title))

**▼B**

*ANNESS*

**Ċentri ta' intervent għar-ross**

IL-BULGARIJA

Пловдив

**▼M1**

SPANJA

Andalucía

Aragón

Castilla y León

Castilla-La Mancha

Extremadura

Navarra

**▼B**

FRANZA

BOUCHES-DU-RHONE

GARD

IL-GREĊJA

ΘΕΣΣΑΛΟΝΙΚΗ

ΓΙΑΝΝΙΤΣΑ

ΒΟΛΟΣ

ΛΑΜΙΑ

L-UNGERIJA

Jász-Nagykun-Szolnok

Békés

Szabolcs-Szatmár-Bereg

L-ITALJA

Piemonte

IL-PORTUGALL

Silo de Évora

Silo de Cuba

IR-RUMANIJA

IANCA

BRAILA

FAUREI

BARAGANUL

PALAS

COGEALAC

MOVILA

FETESTI

TANDAREI

BUCU

ALEXANDRIA

CORABIA

CARPINIS